# Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għall-paragun tal-marki ta' swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru […/…] (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida) COM(2008) 825

(2009/C 229/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni b'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li waslet fit-3 ta' Diċembru 2008 mill-Kummissjoni,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

## I. INTRODUZZJONI

*Konsultazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD)*

1. Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għall-paragun tal-marki ta' swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida] (minn hawn 'il quddiem il-"Proposta" jew il-"Proposta tal-Kummissjoni") intbagħtet mill-Kummissjoni lill-KEPD għall-konsultazzjoni fit-3 ta' Diċembru, f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Din il-konsultazzjoni għandha tiġi msemmija b'mod espliċitu fil-preambolu tar-Regolament.

2. Kif imsemmi fil-Memorandum ta' Tifsir, il-KEPD ikkontribwixxa għal din il-Proposta fi stadju bikri, u ħafna mill-punti li qajjem informalment kienu kkunsidrati fit-test finali tal-Proposta tal-Kummissjoni.

*Il-proposta fil-kuntest tagħha*

3. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2725/2000/KE ([3]) tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament EURODAC") daħal fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 2000. Il-EURODAC, sistema ta' teknoloġija tal-informatika estiża mal-Komunità kollha, inħolqot biex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, li kellha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmu ċar u li jista' jitħaddem sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet għall-asil ippreżentati f'wieħed mill-Istati Membri. Il-Konvenzjoni ta' Dublin wara ġiet sostitwita bi strument legali Komunitarju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz ([4]) (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament ta' Dublin") ([5]). Il-EURODAC bdiet topera fil-15 ta' Jannar 2003.

4. Il-Proposta hija reviżjoni tar-Regolament EURODAC u r-regolament implimentattiv tiegħu, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 407/2002/KE, u għandha l-għan, fost oħrajn, li:

— titjieb l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tar-Regolament EURODAC,

— tiżgura li jkun hemm konsistenza mal-*acquis* dwar l-asil li evolva mindu ġie adottat ir-Regolament imsemmi hawn fuq,

— isir aġġornament ta' numru ta' dispożizzjonijiet li jieħdu kont ta' żviluppi fattwali li saru mindu ġie adottat ir-Regolament,

— jiġi stabbilit qafas ġdid ta' ġestjoni.

5. Għandu jiġi wkoll enfasizzat li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Proposta huwa li jiġi żgurat aħjar ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-protezzjoni ta' dejta personali. Din l-opinjoni ser tanalizza jekk id-dispożizzjonijiet ta' din il-Proposta jissodisfawx dan l-għan b'mod adegwat.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1.
([4]) ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.
([5]) Ir-Regolament ta' Dublin hu attwalment ukoll soġġett għal reviżjoni (COM(2008) 820 finali), 3.12.2008 (verżjoni mfassla mill-ġdid). Il-KEPD ta wkoll opinjoni dwar il-proposta ta' Dublin.

6. Il-Proposta tieħu kont tar-riżultati tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin f'Ġunju 2007 (minn hawn 'il quddiem ir-"Rapport ta' Evalwazzjoni"), li jkopri l-ewwel 3 snin tal-operat tal-EURODAC (2003-2005).

7. Filwaqt li jirrikonoxxi li s-sistema stabbilita fir-Regolament ġiet implimentata fl-Istati Membri b'mod li fil-biċċa l-kbira tiegħu hu sodisfaċenti, ir-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni identifika ċerti kwistjonijiet relatati mal-effiċjenza tad-dispożizzjonijiet attwali u enfasizza dawk li jeħtieġ li jiġu ttrattati sabiex titjieb is-sistema tal-EURODAC u tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin. B'mod partikolari, ir-Rapport ta' Evalwazzjoni osserva t-trasmissjoni kontinwament tard tal-marki tas-swaba' minn numru ta' Stati Membri. Ir-Regolament EURODAC attwalment jipprevedi biss skadenza vaga ħafna għat-trażmissjoni ta' marki tas-swaba', li tista' twassal għal dewmien sinifikanti fil-prattika. Din hi kwistjoni prinċipali għall-effettività tas-sistema peress li kwalunkwe dewmien fit-trażmissjoni jista' jwassal għal riżultati li jmorru kontra l-prinċipji ta' responsabbiltà stabbiliti fir-Regolament ta' Dublin.

8. Ir-Rapport ta' Evalwazzjoni ssottolinja wkoll li n-nuqqas ta' metodu effiċjenti għall-Istati Membri biex jinformaw lil xulxin bl-istat ta' persuna li qed titlob l-asil wassal, f'ħafna każi, għal ġestjoni ineffiċjenti tat-tħassir tad-dejta. L-Istati Membri li jdaħħlu dejta dwar persuna speċifika ħafna drabi ma jkunux konxji li Stat Membru ta' oriġini ieħor ħassar id-dejta, u għalhekk ma jirrealizzawx li huma wkoll għandhom iħassru d-dejta tagħhom li tikkonċerna l-istess persuna. Konsegwentement, ir-rispett tal-prinċipju li 'l-ebda dejta m'għandha tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni ta' suġġetti tad-dejta għal żmien itwal milli hu meħtieġ għall-iskopijiet li għalihom inġabret id-dejta' ma jistax jiġi żgurat biżżejjed.

9. Barra minn hekk, skont l-analiżi ppreżentata fir-Rapport ta' Evalwazzjoni, speċifikazzjoni mhux ċara tal-awtoritajiet nazzjonali li għandhom aċċess għall-EURODAC tfixkel ir-rwol ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.

*Fokus tal-opinjoni*

10. Minħabba r-rwol attwali tiegħu bħala l-awtorità ta' sorveljanza fuq il-EURODAC, il-KEPD huwa interessat b'mod partikolari fil-Proposta tal-Kummissjoni u fir-riżultat pożittiv tar-reviżjoni tas-sistema EURODAC kollha.

11. Il-KEPD jinnota li l-Proposta tinvolvi aspetti varji li jirrelataw mad-drittijiet fundamentali ta' dawk li jfittxu l-asil, bħad-dritt għall-asil, id-dritt għall-informazzjoni f'sens aktar wiesa', id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. Madankollu, minħabba l-missjoni tal-KEPD, din l-opinjoni ser tiffoka prinċipalment fuq il-kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta ttrattati mir-Regolament rivedut. F'dan ir-rigward, il-KEPD jilqa' l-attenzjoni konsiderevoli mogħtija lir-rispett u l-protezzjoni tad-dejta personali fil-Proposta. Huwa jieħu din l-opportunità biex jenfasizza li l-iżgurar ta' livell għoli tal-protezzjoni ta' dejta personali u l-implimentazzjoni aktar effiċjenti tagħha fil-prattika għandha tiġi kkunsidrata bħala prerekwiżit essenzjali għat-titjib tal-mod kif jaħdem il-EURODAC

12. Din l-opinjoni tindirizza prinċipalment il-modifiki tat-test li ġejjin peress li huma l-aktar rilevanti mil-lat tal-protezzjoni tad-dejta personali:

— is-sorveljanza mill-KEPD, inkluż f'każijiet fejn parti mill-ġestjoni tas-sistema hija fdata lil entità oħra (bħal kumpanija privata);

— il-proċedura għat-teħid tal-marki tas-swaba', inkluż id-definizzjoni tal-limiti tal-età;

— id-drittijiet tas-soġġetti tad-dejta.

## II. **RIMARKI ĠENERALI**

13. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-Proposta tistinka favur konsistenza ma' strumenti legali oħrajn li jirregolaw l-istabbiliment u/jew l-użu ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira. B'mod partikolari, il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet vis-à-vis l-bażi tad-dejta, kif ukoll il-mod kif il-mudell ta' sorveljanza kien ifformulat fil-Proposta, huma konsistenti mal-istrumenti legali li jistabbilixxu s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

14. Il-KEPD jinnota l-konsistenza tal-Proposta mad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001. F'dan il-kuntest, il-KEPD jilqa', b'mod partikolari l-Premessi l-ġodda 17, 18 u 19, li jistipulaw li d-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 japplikaw għall-ipproċessar ta' dejta personali mwettaq b'applikazzjoni tar-Regolament propost rispettivament mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji involuti.

15. Finalment, il-KEPD jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi żgurata wkoll konsistenza sħiħa bejn il-EURODAC u r-Regolamenti ta' Dublin u huwa jieħu l-opportunità tal-opinjoni preżenti biex jipprevedi indikazzjonijiet aktar preċiżi għal din il-konsistenza. Madankollu, huwa jinnota li f'ċerti aspetti, din il-kwistjoni diġà ġiet ittrattata fil-Proposta, eż. fil-Memorandum ta' Tifsir, li jsemmi li "il-konsistenza mar-Regolament ta' Dublin (kif ukoll tħassib dwar il-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità) tiġi żgurata bl-armonizzazzjoni tal-perijodu ta' ħżin għad-dejta dwar ċittadini minn pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li ttieħdu l-marki tas-swaba' tagħhom b'rabta ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna mal-perjodu sa liema l-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Dublin jalloka r-responsabbiltà fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni (jiġifieri sena)."

## III. RIMARKI SPEĊIFIĊI

### III.1. Sorveljanza mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta

16. Il-KEPD jilqa' l-mudell ta' sorveljanza stabbilit fil-Proposta, kif ukoll il-kompiti speċifiċi li ġew fdati lilu permezz tal-Artikoli 25 u 26 tal-Proposta. L-Artikolu 25 jafda lill-KEPD b'żewġ kompiti ta' sorveljanza:

— "jivverifika jekk l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-dejta personali tal-Awtorità tal-Ġestjoni jitwettqux skont dan ir-Regolament" (l-Artikolu 25 (1)), u

— "jiżgura li titwettaq verifika tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-dejta personali tal-Awtorità tal-Ġestjoni kull erba' snin skont l-istandards tal-verifika internazzjonali".

L-Artikolu 26 jindirizza l-kwistjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Nazzjonali u l-KEPD.

17. Il-KEPD jinnota wkoll li l-Proposta tippreżenta approċċ simili għal dak użat fis-SIS II u l-VIS: sistema ta' saffi ta' sorveljanza fejn l-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Dejta nazzjonali (DPAs) u l-KEPD jissorveljaw il-livell nazzjonali u dak tal-UE rispettivament, b'sistema ta' kooperazzjoni stabbilita bejn iż-żewġ livelli. Il-manjiera li fiha l-mudell ta' kooperazzjoni huwa maħsub fil-Proposta jirrifletti wkoll il-prattika attwali li tat prova tal-effiċjenza tagħha u inkoraġġiet kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-KEPD u d-DPAs. Għalhekk, il-KEPD jilqa' l-formalizzazzjoni tagħha fil-Proposta u l-fatt li filwaqt li ppreveda għal dan, il-leġislatur żgura l-konsistenza mas-sistemi ta' sorveljanza ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira.

### III.2. Subkuntrattar

18. Il-KEPD jinnota li l-Proposta ma tindirizzax il-kwistjoni ta' subkuntrattar ta' parti mill-kompiti tal-Kummissjoni lil organizzazzjoni jew entità oħra (bħal kumpanija privata). Madankollu, is-subkuntrattar huwa użat b'mod komuni mill-Kummissjoni fil-ġestjoni u l-iżvilupp kemm tas-sistema kif ukoll tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni. Waqt li s-subkuntrattar proprju mhux kuntrarju għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta, għandu jkun hemm salvagwardji importanti biex ikun żgurat li l-applikabbiltà tar-Regolament 45/2001, inkluż is-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta mill-KEPD tibqa' kompletament mhux affettwata mill-attivitajiet ta' subkuntrattar. Barra minn hekk, għandhom jiġu adottati salvagwardji addizzjonali ta' natura aktar teknika.

19. F'dan ir-rigward, il-KEPD jissuġġerixxi li salvagwardji legali simili kif previsti fl-istrumenti legali SIS II għandhom ikunu previsti fil-qafas tar-reviżjoni tar-Regolament EURODAC, waqt li speċifika li anke meta l-Kummissjoni tafda l-ġestjoni tas-sistema lil awtorità oħra, dan m'għandux "jaffettwa b'mod negattiv kwalunkwe mekkaniżmu ta' kontroll effettiv taħt id-dritt Komunitarju, sew jekk tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Qorti tal-Awdituri jew il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta" (l-Artikolu 15 (7), SIS II, Deċiżjoni u Regolament).

20. Id-dispożizzjonijiet huma saħansitra aktar preċiżi fl-Artikolu 47 tar-Regolament SIS II, li jistipula li: "Fejn il-Kummissjoni tiddelega r-responsabbiltajiet tagħha (…) lil korp jew korpi oħrajn, hija għandha tiżgura li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta jkollu d-dritt u jkun kapaċi jeżerċita bis-sħiħ il-kompiti tiegħu, inkluż it-twettiq ta' kontrolli fuq il-post jew li jeżerċita kwalunkwe setgħa oħra mogħtija lilu mill-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001".

21. Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jipprevedu ċarezza meħtieġa f'termini ta' konsegwenzi tas-subkuntrattar ta' parti mill-kompiti tal-Kummissjoni lil awtoritajiet oħrajn. Għalhekk, il-KEPD jissuġġerixxi li dispożizzjonijiet li jimmiraw għall-istess effett jiġu miżjuda lit-test tal-Proposta tal-Kummissjoni.

### III.3. Proċedura għat-teħid tal-marki tas-swaba' (l-Artikoli 3.5 u 6)

22. L-Artikolu 3 (5) tal-Proposta jindirizza l-proċedura għat-teħid tal-marki tas-swaba'. Din id-dispożizzjoni tistipula li l-proċedura "għandha tkun stabbilita u applikata bi qbil mal-prattika nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u skont il-protezzjonijiet preskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal." L-Artikolu 6 tal-Proposta jipprevedi li l-inqas limitu tal-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' ta' applikant għandu jkun ta' 14-il sena u għandu jittieħed mhux aktar tard minn 48 siegħa mid-depożitu tal-applikazzjoni.

23. L-ewwel nett, fir-rigward tal-limitu tal-età, il-KEPD jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata konsistenza tal-Proposta mar-Regolament ta' Dublin. Is-sistema EURODAC ġiet stabbilita bil-ħsieb tal-iżgurar ta' applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin. Dak ifisser li jekk ir-riżultat tar-reviżjoni attwali tar-Regolament ta' Dublin ikollha impatt fuq l-applikazzjoni tagħha għal dawk li jfittxu l-asil u jkunu taħt l-età, dan għandu jkun rifless fir-Regolament EURODAC ([1]).

([1]) F'dan ir-rigward, il-KEPD jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament ta' Dublin ippreżentata fit-3 ta' Diċembru 2008 (COM (2008) 825 finali) jiddefinixxi bħala "minuri" "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida taħt l-età ta' 18".

24. It-tieni nett, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-limit tal-età għat-teħid tas-swaba' inġenerali, il-KEPD jixtieq jiġbed l-attenzjoni li l-biċċa l-kbira tad-dokumentazzjoni disponibbli attwalment għandha t-tendenza li tindika li l-eżattezza tal-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tonqos mal-proċess tal-età. F'dak ir-rigward, l-aħjar huwa li jiġi segwit mill-qrib l-istudju dwar il-marki tas-swaba' mwettaq fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-VIS. Mingħajr ma jiġu antiċipati r-riżultati tal-istudju, il-KEPD jixtieq jenfasizza minn issa, f'dan l-istadju, li fil-każijiet kollha fejn it-teħid tal-marki tas-swaba' jkun impossibbli jew jista' jwassal għal riżultati mhux affidabbli, huwa importanti li ssir referenza għal proċeduri ta' riżerva, li jirrispettaw bis-sħiħ id-dinjità tal-persuna.

25. It-tielet nett, il-KEPD jinnota l-isforzi li saru mil-leġislatur biex tiġi żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet dwar it-teħid tal-marki tas-swaba' mar-rekwiżiti internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem Ewropej. Madankollu, huwa jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet li jseħħu f'diversi Stati Membri biex tiġi determinata l-età ta' persuni li jfittxu l-asil ta' età żgħira. Spiss, persuni li jfittxu l-asil jew immigranti illegali ma jkollhomx dokumenti ta' identità, u sabiex jiġi stabbilit jekk għandhomx jitteħdulhom marki tas-swaba', trid tiġi determinata l-età tagħhom. Il-metodi użati biex isir dan jikkawżaw ħafna dibattiti fi Stati Membri differenti.

26. F'dan ir-rigward, il-KEPD jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Grupp ta' koordinazzjoni tas-sorveljanza EURODAC ([1]) nieda spezzjoni kkoordinata dwar din il-kwistjoni, li r-riżultati tagħha – mistennijin fl-ewwel nofs tal-2009 – għandhom jiffaċilitaw id-determinazzjoni ta' proċeduri komuni f'dan ir-rigward.

27. Bħala kumment tal-għeluq dwar din il-kwistjoni, il-KEPD jara l-ħtieġa ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni aħjar fil-livell tal-UE fil-proċeduri tat-teħid tal-marki tas-swaba' sal-aktar punt possibbli.

### III.4. **L-aħjar tekniki disponibbli (Artikolu 4)**

28. L-Artikolu 4 (1) tal-Proposta jistipula: "Wara perjodu ta' tranżizzjoni, l-Awtorità tal-Ġestjoni, iffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni operattiva tal-EURODAC. L-Awtorità tal-Ġestjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura li tintuża f'kull ħin, u suġġett għal analiżi tal-benefiċċju mill-ispiża, l-aħjar teknoloġija disponibbli għas-Sistema Ċentrali." Għalkemm il-KEPD jilqa' r-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 4 (1), huwa jixtieq jinnota li l-espressjoni "l-aħjar teknoloġija disponibbli" msemmija fid-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, għandha tiġi sostitwita bil-formulazzjoni "l-aħjar tekniki disponibbli" li tinkludi kemm it-teknoloġija użata kif ukoll il-mod kif tkun imfassla, mibnija, mantnuta u operata l-installazzjoni.

### III.5. **Tħassir ta' dejta minn qabel (l-Artikolu 9)**

29. L-Artikolu 9 (1) tal-Proposta jindirizza l-kwistjoni tat-tħassir tad-dejta minn qabel. Din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istat Membru ta' oriġini biex iħassar mis-Sistema Ċentrali, "dejta li għandha x'taqsam ma' persuna li tkun kisbet ċittadinanza fi kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 8" malli l-Istat Membru ta' oriġini jinduna li dik il-persuna tkun kisbet dik iċ-ċittadinanza. Il-KEPD jilqa' l-obbligu biex titħassar id-dejta peress li tikkorrispondi tajjeb mal-prinċipju tal-kwalità tad-dejta. Barra minn hekk, il-KEPD jemmen li r-reviżjoni ta' din id-dispożizzjoni tipprevedi għal opportunità ta' inkoraġġiment għall-Istati Membri biex jiġu stabbiliti proċeduri li jiżguraw tħassir tad-dejta affidabbli u f'waqtha (b'mod awtomatiku jekk ikun possibbli) meta individwu jakkwista ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri.

30. Barra minn hekk, il-KEPD jixtieq jiġbed l-attenzjoni li l-Artikolu 9 (2) li jitratta t-tħassir minn qabel għandu jiġi abbozzat mill-ġdid peress li l-formulazzjoni tal-proposta mhix ċara. Bħala rimarka stilista, il-KEPD jissuġġerixxi li l-kelma "hu/hi" fid-dispożizzjoni għandha tiġi sostitwita bil-kelma "huma".

### III.6. **Il-perijodu tal-ħżin tad-dejta dwar ċittadin ta' pajjiż terz li jinqabad f'konnessjoni ma' qsim irregolari tal-konfini (l-Artikolu 12)**

31. L-Artikolu 12 tal-Proposta jitratta l-ħżin tad-dejta. Il-KEPD jixtieq jinnota li l-istabbiliment ta' sena bħala l-perijodu ta' ħżin għad-dejta (minflok sentejn fit-test attwali tar-Regolament) jikkostitwixxi applikazzjoni tajba tal-prinċipju tal-kwalità tad-dejta li jistipula li d-dejta għandha tinżamm għal mhux aktar milli meħtieġ biex jitwettaq l-iskop li għalih tkun ipproċessata. Dan it-titjib tat-test jintlaqa' tajjeb.

### III.7. **Lista ta' awtoritajiet b'aċċess għall-EURODAC (l-Artikolu 20)**

32. Tintlaqa' tajjeb id-dispożizzjoni li tipprevedi l-pubblikazzjoni mill-Awtorità tal-Ġestjoni tal-lista ta' awtoritajiet li għandhom aċċess għall-EURODAC. Dan jgħin biex tinkiseb aktar trasparenza u biex tinħoloq għodda prattika għal sorveljanza aħjar tas-sistema, eż mid-DPAs.

### III.8. **Żamma ta' reġistrazzjoni (l-Artikolu 21)**

33. L-Artikolu 21 tal-Proposta jikkonċerna ż-żamma ta' reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta kollha fis-Sistema Ċentrali. L-Artikolu 21 (2) jiddikjara li tali reġistrazzjonijiet għandhom jiġu użati biss għall-monitoraġġ tal-ammissabbiltà tal-ipproċessar tal-protezzjoni tad-dejta (…). F'dan ir-rigward, jista' jiġi kkjarifikat li dan jinkludi wkoll miżuri ta' awto-verifika.

([1]) Għal spjega tal-ħidma u l-istatus ta' dan il-Grupp, ara: http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/edps/lang/en/pid/79. Dan il-Grupp qed jeżerċita sorveljanza kkoordinata tas-sistema EURODAC.

III.9. **Drittijiet tas-soġġett tad-dejta (l-Artikolu 23)**

34. L-Artikolu 23 (1)(e) tal-Proposta jaqra kif ġej:

"Persuna koperta b'dan il-Regolament għandha tkun infurmata mill-Istat Membru ta' oriġini (…) li:

(e) l-eżistenza tad-dritt ta' aċċess għal dejta relatata magħhom, u d-dritt li jirrikjedu li d-dejta mhux eżatta li tirrigwardahom tiġi korretta jew li dejta dwarhom ipproċessata illegalment tiġi mħassra, inkluż id-dritt li jirċievu informazzjoni dwar il-proċeduri biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni msemmija fl-Artikolu 25(1), li għandhom jisimgħu talbiet dwar il-protezzjoni ta' dejta personali".

35. Il-KEPD jinnota li implimentazzjoni effettiva tad-dritt għall-informazzjoni hija kruċjali għall-funzjonament tajjeb tal-EURODAC. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġi żgurat li informazzjoni pprovduta b'mod li jippermetti li persuna li tfittex l-asil tifhem b'mod sħiħ is-sitwazzjoni tagħha, kif ukoll il-limitu tad-drittijiet, inkluż il-passi proċedurali li hi tista' tieħu bħala segwitu għad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda fil-każ tagħha.

36. Fir-rigward tal-aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tad-dritt, il-KEPD jixtieq jenfasizza li waqt li d-DPAs huma tassew kuntenti jisimgħu talbiet dwar il-protezzjoni ta' dejta personali, il-formulazzjoni tal-Proposta m'għandhiex ma tippermettix lill-applikant (*is-soġġett tad-dejta*) milli jindirizza talba primarjament lill-kontrollur tad-dejta. Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 23 (1)(e) kif taqra issa tidher li timplika li l-applikant għandu jiddepożita t-talba tiegħu – direttament u f'kull każ – għand id-DPA, filwaqt li l-proċedura standard u l-prattika fl-Istati Membri hija li l-applikant jiddepożita t-talbiet tiegħu għand il-kontrollur tad-dejta l-ewwel.

37. Il-KEPD jissuġġerixxi wkoll li l-formulazzjoni tal-Artikolu 23 (1)(e) għandha tiġi riformulata biex jiġu ċċarati d-drittijiet li għandhom jingħataw lill-applikant. Il-formulazzjoni kif proposta mhix ċara, peress li tista' tiġi interpretata bħala li qed tqis *"id-dritt li jirċievu informazzjoni dwar il-proċeduri biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet* (…)" bħala parti mid-dritt tal-aċċess għad-dejta u/jew id-dritt biex jintalab li dejta mhix eżatta tiġi korretta (…). Barra minn hekk, skont il-formulazzjoni attwali tad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-persuna koperta mir-Regolament mhux dwar il-kontenut tad-drittijiet imma dwar l-"eżistenza" tagħhom. Peress li din tal-aħħar tidher li hija kwistjoni stilistika, il-KEPD jissuġġerixxi li l-Artikolu 23 (1)(e) jiġi riabbozzat kif ġej:

"Persuna koperta b'dan il-Regolament għandha tkun infurmata mill-Istat Membru ta' oriġini (…) li:

(g) id-dritt għall-aċċess għad-dejta dwaru/dwarha stess, u d-dritt li titlob li dejta mhux eżatta dwaru/dwarha stess tkun ikkoreguta jew li dejta pproċessata mhux skont il-liġi dwaru/dwarha stess tkun imħassra, kif ukoll dwar il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet, inkluż id-dettalji tal-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 25(1)".

38. Bl-istess loġika, l-Artikolu 23 (10) għandu jiġi modifikat kif ġej: "F'kull Stat Membru, l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Nazzjonali għandhom, fejn ikun adatt (jew: fuq talba tas-soġġett tad-dejta), jassistu s-soġġett tad-dejta f'konformità mal-Artikolu 28(4) tad-Direttiva 95/46/KE fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom". Mill-ġdid, il-KEPD jixtieq jenfasizza li intervent mid-DPA m'għandux, fil-prinċipju, ikun meħtieġ; il-kontrollur tad-dejta għandu, għall-kuntrarju, jiġi inkoraġġit biex jirrispondi b'mod adatt għat-talbiet tas-soġġetti tad-dejta. L-istess ħaġa tapplika meta tkun meħtieġa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' Stati Membri differenti. Is-sorveljanti tad-dejta għandhom ikunu primarjament responsabbli mit-trattament tat-talbiet u l-kooperazzjoni għal dak il-għan.

39. Fir-rigward tal-Artikolu 23 (9), il-KEPD jilqa' mhux biss l-iskop proprju ta' din id-dispożizzjoni (li tipprevedi kontroll fuq l-użu ta' "tiftix speċjali" kif rakkomandat mill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta fl-ewwel rapport tagħhom dwar l-ispezzjonijiet ikkoordinati), imma huwa jinnota wkoll b'sodisfazzjoni l-proċedura proposta biex dan jintlaħaq.

40. Sa fejn huma kkonċernati l-metodi li jipprovdu informazzjoni lill-applikanti, il-KEPD jirreferi għall-ħidma li twettqet mill-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Sorveljanza Eurodac. Dan il-Grupp attwalment qed jeżamina din il-kwistjoni fil-qafas tal-EURODAC bil-ħsieb li jipproponi – malli jkunu magħrufa u kkompilati r-riżultati tal-investigazzjonijiet nazzjonali – gwida rilevanti.

IV. **KONKLUŻJONIJIET**

41. Il-KEPD jappoġġja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għall-paragun tal-marki ta' swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat.

42. Il-KEPD jilqa' l-mudell ta' sorveljanza propost fil-Proposta, kif ukoll ir-rwol u l-kompiti li ġew fdati lilu fis-sistema l-ġdida. Il-mudell previst jirrifletti l-prattika attwali li tat prova li hija effiċjenti.

43. Il-KEPD jinnota li l-Proposta tistinka favur konsistenza ma' strumenti legali oħrajn li jirregolaw l-istabbiliment u/jew l-użu ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira.

44. Il-KEPD jilqa' l-attenzjoni konsiderevoli ddedikata fil-Proposta lir-rispett għad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari lill-protezzjoni tad-dejta personali. Kif imsemmi wkoll fl-opinjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament ta' Dublin, il-KEPD iqis dan l-approċċ bħala prerekwiżit essenzjali għat-titjib tal-proċeduri tal-asil fl-Unjoni Ewropea.

45. Il-KEPD jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi żgurata konsistenza bejn il-EURODAC u r-Regolament ta' Dublin.

46. Il-KEPD jara l-ħtieġa ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni aħjar fil-livell tal-UE fil-proċeduri tat-teħid tal-marki tas-swaba', sew jekk jikkonkonċernaw persuni li qed ifittxu l-asil kif ukoll kwalunkwe persuna oħra soġġetta għall-proċedura tal-EURODAC. Huwa jiġbed attenzjoni speċjali għall-kwistjoni tal-limiti tal-età għat-teħid tal-marki tas-swaba', u b'mod partikolari għad-diffikultajiet li jseħħu f'diversi Stati Membri biex tiġi ddeterminata l-età ta' persuni li jfittxu l-asil ta' età żgħira.

47. Il-KEPD jinsisti li ssir kjarifika għad-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-drittijiet tas-soġġetti tad-dejta, u b'mod partikolari jissottolinja li l-kontrolluri nazzjonali tad-dejta huma primarjament responsabbli biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dawn id-drittijiet.

Magħmula fi Brussell, it-18 ta' Frar 2009

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*